MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 235/2001/1

**Maria Anna Cutajar u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2001 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Dominku Cutajar, Maria Melita Tabone, Giorgina sive Gina Formosa u l-Avukat Dr Tanya Sciberras Camilleri bhala mandatarja specjali tal-imsiefra Carmen Geske u dana bhala l-eredi tal-mejta Maria Anna Cutajar**

**vs**

**Walter Camilleri**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ippremettiet:

Illi ai termini ta’ skrittura ta’ lokazzjoni datata 17 ta’ Jannar 1996 , l-attrici kienet kriet il-fond numru (1) formanti parti minnn blokk appartamenti bl-isem “Seabreeze”, Palm Beach Street, Bahar ic-Caghaq, lill-konvenut ghal perjodu ta’ hames (5) snin versu l-kera ta’ seba’ mija u ghoxrin lira (Lm720) fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem, liema perjodu ghalhekk skada fis-16 ta’ Jannar 2001 u kopja tal-istess skrittura qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument “A”;

Illi sussegwentement il-partijiet waslu f’arrangament illi l-kera kellha tithallas kull sitt(6) xhur bil-quddiem;

Illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas tal-kera versu l-attrici fis-somma komplessiva ta’ elf erba’ mija u erbghin liri Maltin (Lm1,440) rapprezentanti l-arretrati ta’ kera ghall-perjodu kkalkolat mis-17 ta’ Jannar 1999 sas-16 ta’ Jannar 2001;

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u jirraprezenta l-hlas ta’ arretrati ta’ kera u l-konvenut ghandu jigi zgmubrat mill-fond numru wiehed (1) formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem “Seabreeze”, Palm Beach Street, Bahar ic-Caghaq, stante illi l-perjodu tal-kirja ta’ hames (5) snin illum skada u fil-fehma tal-attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti ghat-talbiet attrici;

Illi l-konvenut interpellat diversi drabi biex ihallas l-arretrati tal-kera, anke permezz ta’ ittra ufficjali datata 1 ta’ Gunju 1999 baqa’ inadempjenti;

Illi l-konvenut interpellat ukoll sabiex jivvaka l-pussess tal-imsemmi fond u jirritorna c-cwievet anke permezz ta’ ittra legali datata 26 ta’ Jannar 2001 baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :-

1 Tipprocedi bil-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Arikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2 Tordna lill-konvenut jizgomra mill-fond numru wiehed (1) formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem "Seabreeze", Palm Beach Street, Bahar ic-Caghaq fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu ffissat;

3 Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' elf erba' mija u erbghin liri Maltin (Lm1,440) rapprezentanti l-arretrati tal-kera tal-istess fond ghall-perjodu bejn is-17 ta' Jannar 1999 u s-16 ta' Jannar 2001;

Bl-ispejjez inkuzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 1999 u tal-mandat ta' sekwestru numru 410/01 pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-dati tan-notifika ta' dan l-att sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2001 li bih il-gudizju gie trasfuz f'isem Domnic Cutajar, Maria Melita Tabone, Giorgina siva Gina Tabone u l-Avukat Dottor Tanya Sciberras Camilleri bhala mandatarja specjali tal-imsiefra Carmen Geske u dana minflok ommhom l-attirci Marianna Cutajar li mietet fil-mori tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2003 minn fejn jirrizulta li l-atturi ddikjaraw li l-meritu hu esawrit ghar-rigward tat-tieni talba stante li fil-mori tal-kawza l-konvenut irritorna l-pussess tal-fond in kwestjoni lill-atturi;

Rat in-nota tal-atturi tas-26 ta' Gunju 2003 li biha t-tielet talba giet ridotta bis-somma ta' Lm500 ghas-somma ta' disa' mija u erbghin liri maltin (Lm940);

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2003;

Ikkonsidrat:

L-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi ordnat jizgombra mill-fond numru wiehed (1) formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem "Seabreeze", Palm Beach Street, Bahar ic-Caghaq u li l-istess konvenut jigi kundannat ihallas is-somma ta' elf erba' mija u erbghin liri Maltin (Lm1,440) rapprezentanti l-arretrati tal-kera tal-istess fond ghall-perjodu bejn is-17 ta' Jannar 1999 u s-16 ta' Jannar 2001;

Jirrizulta li l-konvenut fil-mori tal-kawza rritona c-cwievet tal-fond in kwestjoni lill-atturi u ghalhekk it-talba, ghall-izgumbrament mill-istess fond, hi esaurita. It-talba ghall-kundanna tal-hlas tal-arretrati ta' kera giet ridotta u t-talba hekk ridotta tirrizulta sufficjentement pruvata u ghalhekk ghandha tigi akkolta;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-mertu esawrit ghar-rigward tat-talba tal-atturi ghall-izgombrament mill-fond numru wiehed (1) formanti parti minn blokk appartamenti bl-isem "Seabreeze", Palm Beach Street, Bahar ic-Caghaq u billi tilqa ir-rimanenti talba, kif ridotta, u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' disa' mija u erbghin liri maltin (Lm940) rapprezentanti l-arretrati tal-kera tal-istess fond ghall-perjodu bejn is-17 ta' Jannar 1999 u s-16 ta' Jannar 2001 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------